# Qorti tal-Magistrati
# (Ghawdex)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali .

Magistrat : Dr. Paul Coppini LL.D.

Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Marzu, 2002 .

Kumpilazzjoni Numru : 19/2002 .

**L-Ufficjal Principali ta' L-Immigrazzjoni .**
(Spettur Neville Xuereb)
(Spettur Maurice Curmi)

Vs

1. Ali Belboul iben Abid u Ergeja imwieled Sfax fl-20/11/75 .
2. Belgasem Amai, iben Ammar u Habiba imwieled Sfax fis-7/3/76 .
3. Imrad Salem, iben Ahmed u Fatima imwieled Sfax fit-18/11/75 .
4. Makram Amri, iben Makki u Zaimed imwieled Sfax fil-11/2.78 .
5. Amri Samir Mohammed iben Mohammed u Mansoura imwieled Sfax fis-27/11/64 .
6. Belfarag Mer iben Mahmoud u Fodda imwieled Sfax fit-8/1/73 .
7. Amri Adel Ali iben Ali u Uruka imwieled Sfax fil-15/12/69 .
8. Khadri Wahid Mohammed iben Mohammed u Hasiba imwieled Sfax fil-21/1.75 .
9. Schbeli Mohammed iben Taher u Zina imwieled Sfax fl-1968 .

Kollha ta' nazzjonalita Tunezina, u

1. Trabelsi Fathi ta' nazzjonalita Libjana iben Ali u Amida imwieled Zwara fit-23/12/65 .

**2.** Driss Hedi ta' nazzjonalita' Algerina iben Mohammed u Khadija imwieled Annabah fil-1/3/75 .

Il-Qorti ;

Rat l-akkuza li biha Ali Belboul u ohrajn indikati fl-istess akkuza, disgha minnhom ta; nazzjonalita' Tunezina, iehor ta' nazzjonalita' libjana u iehor ta' nazzjonalita' Algerina, gew akkuzati talli fl-14 ta' Marzu, 2002, minghajr ma nghataw permess ta' residenza, nizlu l-art jew kienu Malta minghajr permess minghand l-ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni .

U aktar li ma ghandhomx mezzi sabiex imantnu lilhom infushom u jistghu jkunu spiza addebitata lill-fond pubbliku .

Il-Qorti giet mitluba wkoll tordna l-konfiska tad-dghajsa wzata fil-kommessjoni ta' dan ir-reat liema dghajsa qeghda tigi esebita formalment fl-atti ta' din il-kawza .

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex minbarra li taghti l-pieni skond il-Ligi tiddikjara lill-imsemmija persuni bhala immigranti pprojbiti u tohrog ordni ta' Tnehhija kontra taghhom skond l-Artikoli 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta .

Fuq ammissjoni ta' l-imputati, il-Qorti ssibhom hatja, tikkundannahom ghal gimgha habs sospizi ghal xahar .

Rigward talba ghal konfiska tad-dghajsa, wara illi semghet lill-ispettur Neville Xuereb, jispjega c-cirkostanzi li wasslu ghal dan l-incident, mertu tal-kawza odjerna, wara li semghet ukoll lill-imputat Mohammed Schbeli jispjega wkoll il-fatti; peress li ma hijiex konvinta minn dak illi xehed dwaru l-istess imputat Mohammed Schbeli, il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tad-dghajsa wzata fil-kommissjoni ta' dan ir-reat, favur il-gvern ta' Malta .

Il-Qorti tordna wkoll illi johrog ordni ta' tnehhija kontra l-imputati kollha, u dana a tenur ta' l-artikoli 14 u 15, tal-217 tal-Ligijiet ta' Malta .

Magistrat .

Deputat Registratur .

Sk1902(Pc)
412